MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1898/2003

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Josianne Agius**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ Lm599.30c (hames mija u disgha u disghin lira Maltin u tletin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-konvenuta skond Client Contract Number 108397 in rigward ghal servizzi lilha rezi u dana fix-xhur bejn Dicembru 2002 u Frar 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lill-Pl Peter Sammut li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ Lm599.30c (hames mija u disgha u disghin lira Maltin u tletin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------